# Min jidħak l-aħħar jidħak l-aħjar

Għall-ikla tal-Ħadd dejjem kien jaħseb. Għax billi Spiru kien *waiter*, barra mill-perkaċċi ta' kuljum, nhar ta' Sibt kien idaħħal il-paga, il-Ħadd filgħodu kien isib il-but mimli, u għalhekk kien jista' jagħtiha xi ftit għall-ħala. Moħħu mill-ewwel kien imur fuq l-erbat itfal li kellu, għadhom qishom żrameġ, il-kbira bil-kemm tlaħħaq is-seba' snin. "X'sa naqbad noħdilhom," kien igħid waħdu, iżda aktarx li dejjem kien jaqa' fuq xi ħaġa tal-ikel, għax għalkemm ma nafx kienx hawn ħaġa li wliedu ma kenux imċaħħdin minnha, in-nuqqas li l-aktar kienu jħossu kien ikun aktarx ta' dak li jmiss lil żaqqhom. Qabel ma żżewweġ, Spiru, ta' tfal li kien, kien rahom dinja dawk iż-żewġ xelini paga li kellu kuljum. Kunċett ukoll, ma kinetx qatgħet qalbha; imbagħad fl-aħħar minn l-aħħar, kienet ħasbet hi, aħjar ftit imrassa f'darha milli mjassra mal-wiċċ ikreh tas-sinjura tagħha. Iżda wara li bdew ġejjin it-tfal, wara li l-ħteġijiet tal-familja bdew jikbru, wara li ħafna drabi kien beda jkollu jagħżel bejn li jħalli 'l uliedu bil-ġuħ jew ħafjin, Spiru beda jaħsibha xorta oħra. Iżda issa kien tard wisq, u, mifni kif kien ikun mid-dwejjaq tal-jum, mikdud mill-krib ta' wliedu li, ta' tfal li kienu, kienu ta' sikwit iwaqqfuh juruh xi frotta li jkunu xxennqu għaliha, malli kien isib sold aktar mis-soltu ġol-but, kien dlonk jara x'jixtrilhom bih.

Mela dak in-nhar, kien dar dawra mas-suq kollu li ma jmurx jewwilla wara li jkun xtara jagħli li seta' nefaq aħjar dik ix-xiħaġa li kellu. U hawn tolqtu dik iz-zalzetta smina, tgħidlek kulni, dik iċ-ċanga, dak il-ħaruf kollu mdemmem, jidher li għadu ġej mill-biċċerija; hawn dak il-preserv li hu hekk kien iħobb; hemm dak il-bakkaljaw ifewwaħ posta sħiħa, dak il-ħawħ bellusi, dik iċ-ċirasa tistħajjilha mċappsa bid-demm fil-ħmura tagħha; ma damx wisq ma mela l-*basket* li kien ħa miegħu u ġibed lisfel lejn id-dar.

Iżda ma laħaqx mexa erba' passi 'l hemm mis-suq li ma ltaqax ma' wieħed tal-kagħak ħelwin ; u "aħ lilek, ara kemm huma friski, ara kemm fihom ġunġlien, x'hemm tajjeb daqshom għal mal-kafè" spiċċa biex waqaf u ftiehem għal kwart.

Waqt li kien wieqaf bil-ġewlaq iżommu b'idejh it-tnejn wara dahru, jara lil dak iż-żagħżugħ jiżen, daqsxejn ta' għafrid, kelb kollu mgħaddam tgħid li kien ilu ma jxomm ikel tmint ijiem, ħareġ minn bejn in-nies imxerrdin 'l hawn u 'l hemm, u milbut mir-riħa tfuħ li kienet ħierġa mill-ġewlaq ta' Spiru, resaq mingħajr ħoss ixomm dak li kien fih; u f'kemm tagħlaq għajnejk reġa' lura bil-biċċa tal-ħaruf f'ħalqu.

Spiru kif ħassu jiġbidha, dar minnufih u dlonk ħabat jiġri warajh. Iżda dak, tgħidlu mdejjaq minn dik il-kumpanija, waqaf, tefa' l-laħam fl-art, dar lejh u b'għajnejh b'ħarsa

mdemm'ma, bi tgergira ħierġa minn bejn snienu hejja ruħu biex jilqa' 'l Spiru. Dan, meta ra li dik il-bhima ma kinetx li tiċċajta magħha malajr, kull ħila li kellu donnha marritlu u waqaf ftit il bogħod minnu. Il-kelb malli rah f'dik il-qagħda reġa' qabad il-laħam, u jżomm kemm jista' għajnejh fuqu, malajr beda jħaddem minn fuqha; u billi sabha kollha dgħif (Spiru kien ħadlu rasu 'l tal-laħam biex ma jatihx għadam), belagħha f'erba' gidmiet. Malli spiċċa l-aħħar tmexmixa, lagħaq sewwa xoftejh, ħares ħarsa lejn l-imsejken Spiru u reġa' għal trieqtu jferfer denbu fost id-daħk ta' xi erba' min-nies li kienu nġabru jaraw dik il-farsa.

Iżda Spiru ma tantx deher li ddejjaq, għax kien ġa ħaseb x'jagħmel; u telaq għal warajh. U l-ħsieb li kellu f'rasu ma damx wisq ma seħħlu, għax il-kelb wara li dar xi żewġ kantunieri resaq lejn il-bieb ta' dar kbira, daħal minn ġol-grada i kienet miftuħa u mar iħaxwex mal-bieb jinbaħ.

—Hawn aħna, qal waħdu Spiru tagħna u qagħad mal-ħajt lu'ieħor jistenna. Wara ftit il-bieb infetaħ, il-kelb sgiċċa 'l ġewwa s-seftura hi u tagħlaq l-antiporta ħarset 'il ġewwa u qalet lxi ħaġa lill-kelb li Spiru ma fehemx. Iżda għalfejn jifhem ktar? Ma kellu ebda dubju li l-kelb ma kienx ta' sid dik id-dar. Resaq bil-għaġla u ċempel. Kif infetħet l-antiporta reġgħet tfaċċat is-seftura—Lil min trid?—staqsietu b'ħarsa donnha ta' waħda mdorrija ssib nies tal-qatgħa tiegħu wara l-bieb.

—Is-sinjur hawn?

—L-avukat?

"Avukat!" qal f'qalbu Spiru; "Hekk aħjar" —Iva, l-avukat: xtaqt inkellmu.

—Għaddi stennieh hawn ġew; li ġejt kwarta aktar tard ma kontx issibu għax ħiereġ għall-quddiesa tal-għaxra.

"Ġa l-għaxra!?" qal f'qalbu Spiru "u, iva, issa talli ġejt sa hawn neħodlu sitt soldi aktar; anqas ħaqq il-qtigħ il-qalb li ħassejt jien u narah jekolha". Daħal fl-istudju, u poġġa bil-qiegħda fejn urietu dik il-qaddejja.

Ma damx ma deher l-avukat X, rasu merfugħa jħares dejjem il quddiem, bħallikieku ma għandux moħħ il-ħwejjeġ ta' ma' dwaru, b'idejh imwebbsa, kemm kemm mitfugħin lura, waħda kull naħa, bħallikieku jrid igħid: X'għandna x'nagħmlu ħa' neħilsu malajr.

Spiru malli rah dieħel qam bil-wieqfa b'idu l-waħda jżomm il-berritta mill-pizz, u bl-oħra jirranġa t-tikmix tagħha. L-avukat:—Xi ngħidu? — qallu, x'ħin waqaf quddiemu jħares lejn vetrina mimlija kotba qodma, donnu ried ifisser b'dik il-ħarsa kemm studju kien studja fi żmienu—oqgħod bil-qiegħda.

—M'hemmx għalfejn, sinjur, jien ħaġa żgħira ġejt nistaqsik.

L-avukat ħares lejh ftit u xejn iebes, iżda ma tkellem xejn.

—Sinjur ma jidhirlekx li meta xi bhima ta' ħaddieħor tagħmillek xi ħsara, int..., fejn naf jien..., int, il-liġi tagħtik xi ħaġa?

—Iva—wieġbu xott xott l-avukat għax bħal dak il-ħin wisq kien jaf x'kienet tgħid il-liġi, iżda ma deherlux li għandu jwieġeb xorta oħra—x'inqalagħlek ?

—U, għax, biex ingħidlek kien hemm kelb ta' wieħed sinjur u kif kont ħiereġ mis-suq seraqli mill-ġewlaq il-laħam li jaħasra kont għadni kif xtrajt għat-tfal u f'kemm ili ngħidlek kielu. Jiena kieku ħsibt li nitolbu xi ħaġa milli jiswa, lil sidu; x'jidhirlek sinjur?

—Taf min hu sidu ?

—Iva, sinjur.

—Mela la taf, m'hux xi ħaġa, iżda kemm swielek kollu itolbu; ma jistax jiċħadlek, skond il-liġi. Min hu?

—Mhux għal xi ħaġa, sinjur, iżda int hu !

L-avukat inħasad, inqata', ħabat ser jiħmar meta ra ruħu li ġie milgħub b'dak il-mod ; iżda fil-ħin reġa' waqaf fuq tiegħu, bħal ma kien qabel; u —Hawn,—qallu, fil-waqt daħħal idu filbut u ħareġ il-borża tal-flus—Kemm ?

—La trid taf, sinjur, xelin u tmien soldi.

—Hawn, żomm,—u għaddlu kemm kien qallu.

Spiru, b'għajnejh jiddu billi kien ġiebha tajjeb, ħares lejn il-flus biex mad-daqqa t'għajn, jara humiex tajbin, u tefagħhom fil-but. U "x'naqbad ngħidlek sinjur, il-Bambin iroddlok il-ħniena ta' qalbek," sellimlu u ħabat ser joħroġ il barra. Iżda l-avukat:—Hawn, stenna,—għajjat warajh.

Dak waqaf u dar, b'arja ta' wieħed li jaf l-affari tiegħu, billi kien għadu mimli b'kemm għaraf jaħdimha tajjeb.

—Int hekk tagħmel? Ma tafx lil min ġejt tkellem?

—Tassew sinjur, qatt ma kont naħseb li int hekk qalbek tajba, iżda jien ma nafx skola, aħfirli jekk ma iżżiħajrtekx biżżejjed.

—Ħallik mill-iskola u mill-qalb tajba. Issa, barra milli jien qalbi tajba, jien ukoll avukat, u talli kellimtni....

Wiċċ Spiru sar ġamra nar bil-fawra li telgħetlu.

—...Tal-parir li tajtek għandek tagħtini nofs lira !

C.